**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 160 / 2022**

**Il-Pulizija**

**-Vs-**

**Joseph Pisani**

Illum 5 t'Awwissu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Pisani bin Angelo u Mary nee' Bezzina, imwieled nhar id-9 ta' Settembru, 1973, u residenti 71, Triq D'Argens, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 493073 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Ghax-xhur minn Lulju 2020 sa Novembru 2020, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, liema atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9):

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Clare Pisani u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u/jew għall-uliedu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali, ta′ nhar it-30 ta′ Marzu, 2022, fejn il-Qorti rat l-Artikoli 338(z), 18 u 31 tal Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta:

Sabet illi imputat Joseph Pisani hati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal tlett xhur priġunerija (3) effettivi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Pisani minnu pprezentat fit-12 t′April, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka a contrario imperio u thassar in toto is-sentenza fuq citata mogħtija kontra l-appellant fl-imsemmija data u konsegwentament tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena;

2. Mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax (ALTERNATIVAMENT), jogħgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b'xi forma ta' kaprice jew sabiex jipprova jahrab

mill-obbligi tiegħu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li għaddej minnhom l appellant.

2. Illi l-appellant illum il-gurnata wara hafna sforzi u għajnuna jinsab f'posizzjoni aktar minn qatt qabel li jhares l-obbligi tieghu izda l-fatt li huwa kien qed ikollu jersaq il-Qorti ta' spiss ma kinitx qiegħda taghmilhielu facli li jonora l-obbligi tieghu tal-impjieg.

3. Illi in linea mas-suespost, l-appellant qieghed jonera l-obbligu tieghu li jhallas l manteniment dovut, u dan kif jixhed d-dokument hawn anness u mmarkat DOK A li juru bic-car li l-appellant hallas is-somma ta' €3,500 u dan sabiex ikopri l arretrati ta' manteniment ghall-minuri ghax-xhur ta' Lulju 2020 sa Dicembru 2020 mertu ta' dan l-appell.

4. Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludih milli jhallas il manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

**Ikkunsidrat,**

Rat li din il-kawza tikkoncerna appell wara li l-kwerelanti ipprezentat id-digriet tal-Qorti datat l-1 ta' Dicembru, 2014 mahrug mill-Qorti tal-Familja digriet numru 1507/14 fejn l-appellant gie ordnat ihallas lil kwerelanti s-somma ta' mitejn euro (€250) fix-xahar ghall-kwerelanti u s-somma ta' tlett mitt euro (€300) ghal uliedhom minuri kull xahar. Jidher ukoll permezz ta' digriet iehor moghti mill-Qorti tal-Familja nhar id-19 ta' Gunju 2020 l-ammont ta' manteniment dovut lil minuri gie awmentat minn €200 fix-xahar ghal €300 fix-xahar. Jidher li kwerelanti Claire Pisani ma kienitx irceviet il-manteniment dovut ghax-xhur ta'

Awwissu, Settembru, Ottubru u Dicembru 2020 u ghalhekk l-appellant kien inadempjenti fis-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400).

Illi fil-mori tal-proceduri li nzammu quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta skond il-verbal tal-Qorti datat 19 ta' Jannar, 2022 li l-appellant hallas is-somma ta' €250 lill-kwerelanti bhala part payment ta' dak dovut minnu.

Illi jirrizulta li fl-atti hemm esebit email datat 6 ta' April 2022 mibghuta minn Dr. Stephanie Caruana ghan-nom tal-kwerelanti lil Dr. Mario Mifsud li jidher ghall-appellant fejn hemm dikjarat lil-appellant hallas is-somma ta' €3,500 sabiex ikopri l-arretrati tal-manteniment ghall-minuri mix-xhur ta' Lulju 2020 sa Dicembru 2020. Hemm ukoll indikat li din l-email kellha sservi bhala ricevuta tal-pagament li sar mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-posizjoni finanzjajra tal- familjari.

B'danakollu, il-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-

vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment[1].

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn erba' nuqqas ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Joseph Pisani billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal tlett xhur prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' tmenin euro (€80) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Joseph Pisani jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' għoxrin euro (€20) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar d-19 ta' Lulju, 2013 Numru 476/2012 Il-Pulizija [Spettur Josric Mifsud] vs Francis Saliba.